MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2013

Numru 2013/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Omar Hassan Ahmed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Omar Hassan Ahmed**, ta’ wiehed u tletin (31) sena, bin Hassan Ahmed u Halima, imwieled Mogadishu, Somalia fit-2 ta’ Frar 1982, residenti gewwa 41, Flat 2, Triq il-Miratur, Floriana u detentur tan-Numru tal-Pulizija 12V 077 akkuzat talli:

1. fis-27 ta’ Marzu 2013 u fil-granet precedenti, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u cioé telefon

cellulari tal-marka HTC ghad-detriment ta’ Denise Pandolfi mill-Belt Valletta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.
Semghet lill-imputat, waqt is-seduta tallum, jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa), l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-ko-operazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-fatt li t-telefon cellulari li jsir riferenza ghalih fl-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat jiswa madwar mitejn Euro (€ 200) u li dan it-telefon gie ritornat lura lil sidu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 41(1)(a) u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------